C/2024/4427

10.7.2024

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il- M.11583 – MARCEGAGLIA STEEL / ASCOMETAL FOS-SUR-MER)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għall-proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/4427)

1. Fit-3 ta' Lulju 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Marcegaglia Holding S.r.l. ("Marcegaglia", l-Italja),

— Ascometal Fos-sur-Mer SAS ("Ascometal Fos-sur-Mer", Franza), attwalment ikkontrollata minn Swiss Steel Holding AG (l-Iżvizzera).

Marcegaglia se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Ascometal Fos-sur-Mer kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni ssir bix-xiri tal-assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Marcegaglia permezz ta' Marcegaglia Steel S.p.A topera f'36 pajjiż madwar id-dinja kollha u hija attiva fis-settur tal-azzar, b'enfasi fuq il-kummerċ u l-ipproċessar tal-azzar. Prinċipalment tipproduċi prodotti tal-azzar bil-karbonju, iżda wkoll, sa ċertu punt, prodotti ċatti u twal tal-azzar inossidabbli,

— Ascometal Fos-sur-Mer hija produttur ta' prodotti twal tal-azzar speċjalizzati. Ascometal Fos-sur-Mer għandha fabbrika li tinsab f'Fos-sur-Mer fi Franza u hija prinċipalment attiva fl-UE.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' koċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

L-osservazzjonijiet iridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11583 – MARCEGAGLIA STEEL / ASCOMETAL FOS-SUR-MER

L-osservazzjonijiet jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) OJ L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË